# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Illum, il-Gimgha 20 ta' April 2018**

**Rikors numru 32/18**

**Gertrude Zammit**

**v.**

**John Mark Zammit**

Preliminari

1. Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat fit-12 ta' Frar 2018 li permezz tieghu l-attrici qeda titlob ai termini tal-Artikolu 823[2] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza [is-sentenza attakkata] moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 2017 pendenti s-smigh tar-rikors ta' ritrattazzjoni tal-appell, prezentat fil-kawza fl-ismijiet premessi.

<u>Mertu</u>

2. Fis-succint l-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq il-fatt sostnut minnha li jekk l-ezekuzzjoni tas-sentenza ma tigix sospiza pendenti l-proceduri tar-ritrattazzjoni, hija ser issofri pregudizzju akbar minn dak li ser isofri il-konvenut. Dan il-pregudizzju li talvolta ser issofri l-attrici jemani mill-fatt li skont is-sentenza attakkata hija ser ikollha allontana ruhha mid-dar matrimonjali gheluq il-perijodu ta’ sitt xhur li ser jaghlaq fis-26 ta’ April 2018 b’penali ta’ €500 kuljum f’kaz li tonqos milli taghmel hekk. Tghid ukoll li dan il-pregudizzju jizdied fid-dawl tal-konsiderazzjoni li hi ghandha tghix maghha t-tifla minuri ta’ tmien snin li tenut kont tal-eta` tenera taghha ser tigi affettwata negattivament fil-kaz li l-attrici jkollha titlaq mid-dar li fiha t-tifla mdorrija tghix. Tissenjala wkoll li, filwaqt li fil-prezent il-konvenut u t-tifel taghhom qed jghixu ghand il-genituri tieghu, mill-banda l-ohra jekk tigi ordnata l-ezekuzzjoni tas-sentenza f’dan l-istadju jkun ifisser li hi ghandha tipprova ssib akkomodazzjoni alternattiva.

3. Min-naha tieghu l-konvenut jirrispondi ghat-talba tal-attrici billi: jissenjala punt procedurali fis-sens li skont hu r-ritrattazzjoni bazata fuq id-dezerzjoni ma tistax tigi kkonsidrata stante li ma tistax tigi tattakka sentenza li ma kienitx inghatat, ghax ir-rikors tal-attrici kien mar dezert; li

l-ammont ta' €627 depozitat mill-attrici bhala garanzija ghall-ispejjez gudizzjarji huwa insufficjenti biex jaghmel tajjeb ghad-drittijiet tieghu jekk l-ezekuzzjoni tigi sospiza u talab tal-attrici ghar-ritrattazzjoni ma tintlaqax; li l-attrici accettat is-sentenza attakkata u fil-fatt giet ezegwita parti mill-istess sentenza meta bis-sahha tal-istess hija hadet is-somma ta' €4,300 mill-fondi tal-komunjoni tas-sentenza. Fi kliem iehor dwar l-ahhar punt, il-konvenut isostni li l-attrici kellha jew tattakka s-sentenza jew taccetta l-esekuzzjoni taghha kif fil-fatt sar. Ghalhekk jissenjala li l-attrici mhu ser issofri ebda pregudizzju bl-ezekuzzjoni tas-sentenza.

4. Il-konvenut jghid ukoll li skont is-sentenza attakkata l-Qorti ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet u ghalhekk dak li ordnat dik il-Qorti mhuwiex semplici zgumbrament izda huwa zgumbrament intiz sabiex tinbigh id-dar proprjeta` komuni tal-partijiet. Ghalhekk fil-kaz li t-talba ghas-sospenzjoni tintlaqa' hu ser isofri pregudizzju konsistenti fil-fatt li ma jkunx jista' jiehu fiz-zmien qasir sehemu mill-valur tad-dar.

5. Il-Qorti tosserva wkoll li mill-atti jirrizulta li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut esprimew ix-xewqa li kull wiehed jixtri s-sehem tal-parti l-ohra mid-dar.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

6. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi l-punt dwar id-dezerzjoni u l-accettazzjoni tas-sentenza attakata da parti tal-attrici billi hadet parti mill-assi likwidati jezorbitaw mill-parametri tal-meritu tar-rikors odjen li huwa limitat ghat-talba tal-attrici ghas-<u>sospensjoni</u> tal-ezekuzzjoni bazata fuq il-pregudizzju akbar li l-attrici ssostni li ser issofri bl-ezekuzzjoni immedjata ta' dik is-sentenza. Ghalhekk, l-konsiderazzjonijiet li ghandha taghmel din il-Qorti huma limitati ghal pregudizzju li ser issofri kull parti jekk is-sospensjoni tigi milqugha u dan in bazi ghac-cirkostanzi tal-partjiet kif jirrizultaw f'dan l-istadju, jigifieri li l-attrici bit-tifla tal-partijiet qeghda tghix fid-dar matrimonjali filwaqt li l-konvenut u t-tifel tal-partijiet qed jghixu ghand il-genituri tieghu. Il-konvenut jissenjala wkoll li hu qed jigi pprivat milli jippercepixxi sehemu mill-valur tad-dar matrimonjali filwaqt li l-attrici diga` ppercepiet u ghandha fil-pussess taghha s-somma ta' €4,300.

7. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tenut kont ukoll tal-fatt li l-perijodu stabbilit fis-sentenza attakkata sabiex l-attrici tivvaka mid-dar matrimonjali huwa pjuttost qasir, hi tal-fehema li jekk t-talba taghha ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ma tintlaqax l-attrici ser issofri pregudizzju akbar minn dak li ser isofri l-konvenut li fil-prezent ghandu akkomodazzjoni temporaneja ghand il-genituri tieghu. Inoltre, il-

fatt li l-attrici ghandha fil-pussess taghha s-somma fuq indikata ma timmilitax kontra din il-konkluzjoni stante li l-entita` tas-somma huwa pjuttost zghir u mhuwiex adegwat sabiex l-attrici ssib akkomodazzjoni ghal certu tul ta' zmien, konsidrat ukoll l-ispejjez ta' kuljum involuti fit-trobbija tat-tifla.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tikkonsidra t-talba tal-attrici gustifikata u qed tilqaghha b'dan li l-attrici ghall-fini tal-Artikolu 823 [2][a] ghandha bhala garanzija tiddepozita fir-registru ta' din il-Qorti s-somma ulterjuri ta' elf Euro [€1,000].

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb